MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1023/2003

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex Lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw Is-syndicates bin-numru JAT1245, LKN0510, SDM0807, SAM0727, ATR0570 u SIM0994 u**

**Rausi Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Saviour Mallia**

**Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' danni fl-ammont ta' mitejn u disa' u tmenin lira Maltija u erba' u sebghin centezmu (Lm289.74), liema hsara saret fuq il-vettura EBF803 propjeta ta' Anna Camilleri

assikurata mill-atturi li huma surrogati fid-drittijiet taghha, waqt li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat gol karrozza imsemmija fis-Swatar, limiti ta' Birkirkara nhar id-29 ta' Novembru 2002, waqt li kien qed isuq il-vettura DAQ574.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidra:-

1. Fil-qosor il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

[a] Il-vettura assigurata [EBF 803] ma' l-atturi kienet qeghda tinstaq minn Susan Camilleri fuq il-karreggjata ta' barra;
[b] Il-konvenut kien qieghed isuq vettura tat-tip Subaru 800 ghaddej (DAQ 574) mill-karreggjata ta' gewwa;
[c] Il-vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni;
[d] Il-konvenut ried idur mar-roundabout sabiex imur fid-direzzjoni ta' Birkirkara;
[e] Is-sewwieqa tal-vettura

2. Mill-provi li tressqu, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kawza prossima ta' dan l-incident kien in-nuqqas ta' attenzjoni min-naha tal-konvenut fis-sewqan. Dan meta huwa ghazel li jdur mar-roundabout b'mod li holoq ostakolu ghat-traffiku li bhal vettura EBF 803 kien ghaddej fi triqtu.

3. Il-manuvra li ried jaghmel il-konvenut kienet tali li jrid jaqsam il-karreggjata li minnha kienet ghaddejja il-vettura EBF 803. Manuvra li kienet titlob attenzjoni u prudenza tali li wiehed jassigura ruhu li jigi assigurat li x-

xufiera l-ohra jifhmu li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ser tibdel id-direzzjoni u taqsam minn quddiemhom. Il-fatt li wiehed jixghel l-*indicator* [kif qal li ghamel il-konvenut] m'huwiex bizzejjed. Tant il-konvenut ma kienx attent fis-sewqan li ra l-vettura EBF 803 wara l-incident. Kull ma sema' kien il-hoss tal-habta.

4. Nuqqas ta' prudenza li timmerita li l-konvenut jigi akkollat bir-responsabbilta kollha ta' l-incident u konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha.

5. B'riferenza ghad-danni m'hemm l-ebda kontestazzjoni min-naha tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal in vista tal-premess, filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn u disa' u tmenin lira Maltija u erba' u sebghin centezmu (Lm289.74) danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Novembru 2002 u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------